

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 4 - Id-drittijiet tiegħi wara li l-qorti tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha

## 4 - Id-drittijiet tiegħi wara li l-qorti tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha

### Nista' nappella mis-sentenza?

Inti għandek id-dritt li tappella mis-sentenza. Inti tista' tappella kemm mill-kundanna ta' ħtija tiegħek u kemm mis-sentenza. Inti għandek id-dritt li tappella mis-sentenza kollha jew minn parti minnha.

### Kif nappella?

Inti trid tinforma lill-qorti li sabitek ħati li tixtieq tippreżenta appell. Trid tagħmel dan bil-miktub fi żmien sebat (7) jjiem minn meta d-deċiżjoni tal-qorti ssir pubblika. Dan jista' jsir ukoll bil-faks.

L-appell jiġi ppreżentat fil-qorti li tkun tat is-sentenza fi żmien 15-il jum mid-data ta' meta tkun ingħatajt l-ewwel l-opportunità li teżamina s-sentenza. L-appell isir bil-miktub u jintbagħat lill-qorti bil-posta jew bil-faks. Appelli m'hejjija mill-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-avukat jinbagħtu wkoll lill-qorti elettronikament.

Il-qorti li tkun tat is-sentenza tibgħat l-appell u l-proċess kriminali lis-[Circuit Court](#).

### X'jiġri jekk nappella?

Jekk tappella, is-sentenza inizjali ma tiġix eżegwita sakemm is-[Circuit Court](#) tieġu d-deċiżjoni tagħha. Jekk inti ġejt arrestat qabel jew wara li tkun ingħatat is-sentenza, m'intix se tiġi rrilaxxat għaliex tkun appellajt. Inti tista' tinżamm arrestat sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-appell. Ma hemm l-ebda limitu ta' żmien iffissat bil-liġi biex jiġi kkunsidrat l-appell, imma dan irid isir f'perjodu raġonevoli ta' żmien.

### Nista' nippreżenta provi ġodda għall-appell tiegħi? X'kundizzjonijiet japplikaw?

Waq t-appell, inti għandek id-dritt li tippreżenta provi ġodda jekk ikollok raġuni valida għaliex ma tkunx ippreżentajt dawn il-provi qabel.

### X'jiġri waqt is-smiġħ fil-qorti tal-appell?

Waq is-smiġħ fis-[Circuit Court](#), jiġu kkunsidrati l-argumenti li tqajmu waqt l-appell. Jekk inti ma tidhirx fil-qorti, is-[Circuit Court](#) tista' tikkunsidra l-appell mingħajr il-parteciżazzjoni tiegħek. Wara li tikkunsidra l-appell, is-[Circuit Court](#) tista':

- tiċċad l-appell;
- temenda s-sentenza tal-qorti tal-prim'istanza jew tagħti sentenza ġdida;
- tannulla s-sentenza tal-qorti tal-prim'istanza u ttemm il-proċedura kriminali;
- tannulla s-sentenza tal-qorti tal-prim'istanza u tirrinwija l-kawża lura quddiem din il-qorti sabiex terġa' tiġi kkunsidrata.

### Nista' nippreżenta appell ieħor jekk l-ewwel wieħed ma jirnexxiex?

Tista' tippreżenta "appell fil-kassazzjoni" mid-deċiżjoni tas-[Circuit Court](#) lill-[Qorti Suprema](#). L-"appell fil-kassazzjoni" jista' jitressaq biss permezz ta' avukat.

Jekk tixtieq tagħmel “appell fil-kassazzjoni”, inti trid tinforma lis-*Circuit Court* fi żmien sebat (7) ijiem minn meta d-deċiżjoni tal-appell issir pubblika.

L-“appell fil-kassazzjoni” nnifsu jrid jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum minn dakinhar meta inti tkun ingħatajt l-ewwel opportunità li teżamina d-deċiżjoni tas-*Circuit Court*. L-“appell fil-kassazzjoni” jiġi ppreżentat lill-Qorti Suprema permezz tas-*Circuit Court* li tkun ħadet id-deċiżjoni tal-appell.

Il-Qorti Suprema għandha d-dritt li tiddeċiedi jekk tismax l-“appell fil-kassazzjoni” jew le. Jekk il-qorti tirrifjuta l-“proċedura fil-kassazzjoni”, ma tingħata l-ebda raġuni.

## Meta ssir finali l-kundanna ta’ ħtija?

Il-kundanna ta’ ħtija ssir finali meta s-sentenza tidħol fis-seħħ. Dan jiġri meta l-limitu ta’ żmien sabiex jiġi ppreżentat appell jew appell fil-kassazzjoni jkun skada. Fil-każ ta’ appell fil-kassazzjoni, is-sentenza tidħol fis-seħħ jekk il-Qorti Suprema tkun irrifjutat il-proċedura fil-kassazzjoni jew tkun ħadet deċiżjoni dwar il-każ.

## Jekk l-appell tiegħi jirnexxi, il-kundanna ta’ ħtija tiegħi se tiġi rreġistrata?

Il-kundanna ta’ ħtija tiegħek tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-pieni biss jekk tiġi eżegwita. Jekk il-Qorti Suprema tannulla d-deċiżjoni tal-qorti li sabitek ħati, il-kundanna tal-ħtija ma tiġix irreġistrata fir-reġistru tal-pieni.

## Jekk l-ewwel deċiżjoni kienet żbaljata, ningħata xi kumpens?

Inti għandek id-dritt għal kumpens għad-danni li tkun ġarrabt jekk tkun miċħud mil-libertà bla ebda raġuni. Tista’ tagħmel talba bil-miktub għal kumpens lill-[Ministeru tal-Finanzi](#) fi żmien sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ tal-ħelsien mill-akkużi jew mid-deċiżjoni li tkun temmet il-proċedura kriminali.

L-ammont tal-kumpens huwa wieħed fiss u huwa ekwivalenti għal seba’ (7) darbiet is-salarju minimu ta’ kuljum fis-seħħ fir-Repubblika tal-Estonja għal kull jum li tkun qattajt arrestat. Barra minn hekk, inti għandek id-dritt li titlob li l-Istat jirrimborża l-flus li tkun ħallast lill-avukat tiegħek.

## Jiena minn pajjiż ieħor. Nista’ nintbagħat lura hemmhekk wara l-proċess quddiem il-qorti kriminali?

Jekk inti ċittadin barrani, li qed tgħix legalment fl-Estonja u ġejt misjub ħati ta’ delitt intenzjonali u ngħatajt sentenza ta’ ħabs, il-qorti tista’, b’ħala piena addizzjonali, tiddeċiedi li tkeċċik mill-Estonja u ma tħallix tidħol fl-Estonja għal għaxar (10) snin. Peress li t-tkeċċija mill-Estonja hija piena wkoll, inti għandek id-dritt li tappella minnha.

Jekk inti ma għandekx id-dritt li tgħix fl-Estonja, it-tkeċċija tiegħek mill-Estonja sseħħ awtomatikament mingħajr deċiżjoni tal-qorti. Inti għandek id-dritt li timpunja t-tkeċċija tiegħek billi tressaq ilment quddiem il-[Qorti Amministrattiva](#). Il-fatt li inti tkun impunjat it-tkeċċija tiegħek mhuwiex se jipposponiha sakemm iddum għaddejja l-proċedura fil-qorti.

## Jiena ġejt misjub ħati; tista’ ssir kawża oħra kontra tiegħi fuq il-bażi tal-istess akkużi?

Jekk inti ġejt misjub ħati, ma tistax issir kawża ġdida kontra tiegħek fuq il-bażi tal-istess akkużi.

## L-informazzjoni dwar il-kundanna ta’ ħtija tiegħi tiġi rreġistrata? Kif se tinħażen din l-informazzjoni?

L-informazzjoni dwar il-kundanna ta’ ħtija tiegħek titniżżel fir-[reġistru tal-pieni](#). Ir-reġistru jinżamm mill-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) u jiġi amministrat miċ-[Ċentru tar-Reġistri u s-Sistemi ta’ Informazzjoni](#). L-informazzjoni li tiddaħħal fir-reġistru hija pubblika, ħlief f’każijiet speċifikati mil-liġi.

L-informazzjoni tista' tingħadda lil korpi statali ta' pajjiżi barranin jekk dan ikun permess minn ftehimiet internazzjonali. L-informazzjoni dwar il-piena tiegħek tinżamm mingħajr il-kunsens tiegħek. Id-dejta titħassar wara l-perjodu ta' skadenza stipulat mill-liġi (minn sena sa 15-il sena minn meta tiskonta s-sentenza, skont kemm ikun serju r-reat).

## Links relatati

[Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali](#)

[Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali bl-Ingliż \(ma jinkludix l-emendi kollha\)](#)

[L-Att dwar ir-Reġistru tal-Pieni](#)

[L-Att dwar ir-Reġistru tal-Pieni bl-Ingliż \(ma jinkludix l-emendi kollha\)](#)

[L-Att dwar il-kumpens għad-danni kkawżati mill-Istat lil persuna li għet miċħuda inġustament mil-libertà](#)

[L-Att dwar il-kumpens għad-danni kkawżati mill-Istat lil persuna li għet miċħuda inġustament mil-libertà bl-Ingliż \(ma jinkludix l-emendi kollha\)](#)

[L-Att dwar l-obbligu tat-tluq u l-projbizzjoni tad-dħul](#)

[L-Att dwar l-obbligu tat-tluq u l-projbizzjoni tad-dħul bl-Ingliż \(ma jinkludix l-emendi kollha\)](#)

■ L-aħħar aġġornament: 05/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.